**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR190538** **15.03.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Kommemorazzjoni ta' Jum il-Commonwealth fil-Parlament***

Il-Parlament ta' Malta laqa' attività li tfakkar Jum il-Commonwealth. Jum il-Commonwealth jiġi ċċelebrat fit-tieni Tnejn ta' Marzu ta' kull sena, u jservi ta' opportunità għall-individwi, komunitajiet u organizzazzjonijiet li jippromwovu l-valuri komuni tal-Commonwealth ta' paċi, demokrazija u ugwaljanza, u biex jiċċelebraw id-diversità rikka tal-assoċjazzjoni. Dan jagħmluh billi jadottaw tema differenti kull sena. It-tema magħżula għal din is-sena hija, 'A Connected Commonwealth' (Commonwealth Konnessa). Sa mill-bidu tagħha, l-Commonwealth kienet għaqda li taħdem sabiex tippromwovi l-prinċipji tad-demokrazija, libertajiet fundamentali, drittijiet tal-bniedem, żvilupp ekonomiku u governanza tajba fil-pajjiżi tagħha, filwaqt li tgħaqqad kulturi differenti li jirriflettu d-diversità tal-Commonwealth.

L-attività organizzata mill-Parlament flimkien mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ, laqqa' studenti tal-Kulleġġ St Thomas More bil-għan li jkabbar l-għarfien taż-żgħażagħ dwar kwistjonijiet globali, kooperazzjoni internazzjonali u x-xogħol tal-Commonwealth biex itejjeb il-ħajja taċ-ċittadini tiegħu. Din is-sena ġie organizzat kwiżż interattiv sabiex ikabbar l-għarfien dwar il-Commonwealth fost studenti Maltin, inkluż kif taħdem l-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth, magħrufa aħjar bħala CPA.

Fid-diskors tal-bidu tiegħu, l-Ispeaker għamel aċċenna l-fatt li Jum il-Commonwealth jiġi mfakkar b'tema kurrenti sabiex il-popli madwar il-Commonwealth isibuha iktar faċli li jirrelataw mal-ħajja li jgħixu. L-Ispeaker elenka x-xogħol siewi li tagħmel is-CPA fost il-membri kollha, b'mod partikolari mal-Fergħat iż-Żgħar tas-CPA, għaqda li huwa jippresjedi. Huwa tenna li dawn il-fergħat jiltaqgħu b'mod regolari sabiex jiddiskutu materji li bħala pajjiżi żgħar jintlaqtu aktar minnhom, fosthom il-korruzzjoni, it-tibdil fil-klima, u t-tisħiħ tad-demokrazija.

Preżenti wkoll għal din l-attività kienu l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ Carmelo Abela u l-Kelliem għall-Oppożizzjoni għall-Affarijiet Barranin Carm Mifsud Bonnici, li tkellmu dwar il-perspettivi tagħhom dwar il-Commonwealth.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**